Kunsill Lokali Fontana

Minuti laqgħa 17 li kienet laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar it-Tnejn, 14 ta' Lulju 2014 fis-Sala tal-Komunita'.

Preżenti għal laqgħa:

| | |
|---|---|
| Saviour Borg | Sindku |
| Victor Cefai | Viċi Sindku |
| Horace Micallef | Kunsillier |
| Mario Mercieca | Kunsillier |
| Carmel Farrugia | Kunsillier |
| | |
| Odette Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

Il-Perit John Saliba kien mistieden għal laqgħa.

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

Il-Perit informa lil membri tal-Kunsill li wara laqgħa li kellu nhar il-Ħamis, 10 ta' Lulju 2014 mal-MEPA Unit C, Eco System Management – EPD, intlaħaq ftehim sabiex jintuża makkinarju żgħir mit-triq biex isir it-tindif ta' parti mill-Wied tax-Xlendi. Is-Sindku nforma lil Perit li l-permess kif maħruġ, hu li t-tindif isir in-naħa tal-punent tal-wied u n-naħa tal-lvant tibqa' kif inhi. Ġie miftiehem ukoll li t-terrapien l-imxarrab jintefa' fit-triq ta' biswit il-wied sabiex ikun jista' jsir it-tfittix tal-qabri ta' l-ilma ħelu. Dak niexef jinġabar mal-ewwel fuq it-trukkijiet u jittieħed fid-*dumping sites.* Il-Perit diġa kiteb lid-Direttur tal-Protection Directorate fejn talab *clearance* sabiex il-Kuntrattur ikun jista' jirfes b'makkinarju żgħir fil-wied. Il-Perit kompla jgħid li r-*release sites* għandhom ikunu fil-parti ta' fuq u l-parti t'isfel tal-Wied sabiex il-qabri jiġu salvagwardjati.

Il-Perit informa lil preżenti li sabiex it-terrapien l-imxarrab jitpoġġa fit-triq u ssir it-tfittxija għal qabri ta' l-ilma ħelu, il-Kunsill ser jidħol f'aktar spejjes peress li dawn ma ġewx mitluba fl-offerta. Is-Sindku qal li l-offerta ħarġet skond il-*method statement* approvat mill-MEPA, u din il-kundizzjoni li terrapien imxarrab irid jintefa' fit-triq u jiġi mfittex għal qabri, qed issir issa mill-Unit C, Eco System Management. Is-Sindku kompla jgħid li dan ma jistax jaqbeż l-10% ta' l-offerta. Il-membri qablu li l-Kuntrattur għandu jagħtina stima għal dawn l-ispejjes żejda. Kien hemm qbil sabiex is-Segretarja tibgħat e-mail lil Kuntrattur, Joe Cauchi f'dan ir-rigward.

Wara li l-Perit ġie mistoqsi minn Horace Micallef kif ser jitkejjel it-tindif, il-Perit spjega li l-ewwel jinqata' l-qasab, issir *survey* ta' l-*area* u wara jerġa jitkejjel. Il-Kunsillier Mario Mercieca staqsa jekk l-EPD speċifikawx x'tip ta' inġenji għandhom jintużaw iżda l-Perit inform lil preżenti li ma speċifikawx.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg

Ġie aċċettat mill-EPD li l-ewwel jinqata' l-qasab u imbagħad issir it-tfittxija tal-qabri.

Il-laqgħa ntemmet fil-4.40pm. Kontinwazzjoni ta' din il-laqgħa ser issir nhar il-Gimgħa, 18 ta' Lulju 2014 fil-10.30am.

Saviour Borg
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555